# Kappelli u Knejjes żgħar fil-Mosta (2)
# SAN LEONARDO

Tony Terribile



(Ritratt: Ruben Chetcuti)
Il-faċċata tal-knisja ta' San Anard kif narawha llum.

F'din it-tieni kitba dwar kappelli u knejjes żgħar fil-Mosta llum se naraw ġrajjiet il-knisja ta' San Anard, li tinsab qrib il-knisja arċipretali. L-ewwelnett hu tajjeb li ngħidu li f'Malta ta' l-imgħoddi San Anard kien qaddis li kellu qima kbira. Ir-raġuni kienet li dan il-qaddis kien il-Padrun ta' dawk l-imsejkna li kienu jaqgħu fl-iskjavitù. Fl-imgħoddi bosta Maltin kienu ttieħdu bħala ilsiera u fl-iskjavitù tagħhom kienu jinxteħtu f'riġlejn dan il-qaddis biex jeħlishom.
San Leonardo għex fis-seklu sitta u minn dejjem ġie meqjum bħala l-Padrun ta' l-ilsiera. Meta fl-1575 il-viżitatur apostoliku Monsinjur Pietro Duzina żar il-knejjes kollha ta' Malta sab numru minnhom iddedikati lil San Leonardo, fosthom din tal-Mosta.

Ġrajjiet din il-knisja nistgħu neħduhom minn żewġ viżti pastorali: dik ta' l-1680 magħmula mill-Isqof Molina u dik ta' l-1745 magħmula mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan.

Iż-żewġ isqfijiet iqisu lil Bernarda Mangion bħala benefattriċi kbira ta' din il-knisja għax kienet hi li fl-1658 bniet il-knisja li naraw illum. Barra l-bini ta' din il-knisja isem Bernarda Mangion huwa wkoll marbut mat-twaqqif ta'



*Il-Kwadru titulari tal-knisja ta' San Anard, impitter minn Filippo Dingli.*

fondazzjoni ta' quddies li kellu jiġi ċċelebrat f'din il-knisja fil-festi ta' San Anard, ta' l-Anġlu Kustodju, tat-Twelid ta' San Ġwann il-Battista, ta' San Bernard u ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju. Din il-fondazzjoni kienet ġiet reġistrata fl-atti tan-nutar Ġwanni Pawl Fenech tal-25 ta' Marzu ta' l-1658. Għal dan il-għan Bernarda Mangion ħalliet iż-żewġ terzi tal-propjetà tagħha li kellha fl-inħawi ta' Ħal Pissa. X'kienet ir-raġuni li f'din il-knisja kienu jiġu ċċelebrati dawn il-festi?

Fil-pittura tal-kwadru titulari ta' din il-knisja, magħmul minn Filippo Dingli, wieħed jista' jara x-xbihat tal-Madonna bil-Bambin, lil San Leonardo, lil San Ġwann il-Battista, lil San Bernard Abbati, lil Anġlu Kustodju u lill-Erwieħ Mqaddsa tal-Purgatorju.



*(Ritratt: Ruben Chetcuti) Dehra tal-knisja ta' San Anard armata għall-festa.*

Isem din il-benefattriċi huwa wkoll marbut maċ-ċelebrazzjoni tal-festa titulari ta' San Leonardo li kienet tiġi ċċelebrata fis-6 ta' Novembru. Din kienet tiġi ċċelebrata bil-kant ta' l-ewwel u t-tieni Għasar u b'quddiesa kantata nhar il-festa.

Barra dawn il-fondazzjonijiet Bernarda Mangion waqqfet fondazzjoni għaċ-ċelebrazzjoni ta' żewġ quddisiet oħra. Għal dan il-għan hi ħalliet propjetà li kienet magħrufa bħala "tal-Ġennien" li kienet tinsab fl-inħawi magħrufa ta' Ħal Dimech fil-Mosta.

Fondazzjoni oħra kienet marbuta mal-mixegħla tal-lampier ta' din il-knisja. Fil-festi msemmija l-lampier kien jinxtegħel u l-istess kien isir kull nhar ta' Sibt u kull nhar ta' Ħadd. Għal din il-fondazzjoni kien ħaseb Ġużeppi Mangion, li fl-atti tan-nutar Ġużeppi Gatt tal-4 ta' Marzu 1697 ħalla parti mil-propjetà tiegħu għal dan il-għan.



Dawn il-fondazzjonijiet li semmejna huma l-isbaħ xhieda tal-qedem tad-devozzjoni ta' din il-knisja.

L-istil ta' din il-knisja hu kif kienu jinbnew il-knejjes tagħna fis-seklu sbatax iżda fl-1907 ir-rettur ta' din il-knisja Dun Karm Camilleri Chetcuti bena kampnar f'nofs il-faċċata tagħha. Għalkemm bħala kampnar huwa sabiħ il-faċċata tħassret u ma baqgħetx oriġinali kif kienet inbniet fis-seklu sbatax iżda għallinqas ġewwa għadna ingawdu s-sbuħija oriġinali ta' din il-knisja kif kienet inbniet fl-1658.

*Dun Karm Camilleri Chetcuti (1868-1949), wieħed mir-retturi tal-knisja ta' San Anard.*


# STOP AND SAVE

## *DISCOUNT SUPERMARKET*

**Upper Constitution Street, Mosta**
**Tel: 410140**

Open from 7.00 a.m. - 7.00 p.m.
PARKING FACILITY AND ENTRANCE
ALSO AT REAR

**FOR PRICES YOU JUST CAN'T BEAT**